**13 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Maria Attard

*versus*

Saviour Borg D'Anastasi

**Inċident Awtomobilistiku – Kolliżjoni – Danni – Responsabbilità**

*Il-Qorti akkollat ir-responsabbilità għall-inċident awtomobilisitiku fuq il-konvenut. Ferm interessanti r-riflessjoni tal-Qorti fuq ir-riżultanzi li l-konvenut applika l-brake iżda billi kien hemm ir-ramel u ż-żrar ma waqafx tempestivament. Il-Qorti sabet illi kien jinkombi fuq il-konvenut maġġorment li jieħu kull prekawzjoni qabel ma jsuq.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-10 ta' April 1983 f'*St. Andrews Barracks, St. Julian's,* għall-ħabta tan-12.30 p.m. il-karozza numru J – 0487 misjuqa mill-konvenut kienet involuta f'kolliżjoni mal-karozza numru E – 8150 mijsuqa mill-attriċi;

Premess illi din il-kolliżjoni ġrat minħabba negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Premess illi għalhekk bl-aġir tiegħu l-konvenut ikkawża danni lill-attriċi;

Premess illi l-konvenut interpellat biex iħallas id-danni baqa' inadempjenti;

Talbet għalhekk l-attriċi lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kolliżjoni ġrat unikament tort tal-konvenut u li konsegwentement huwa responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attriċi;

2. Tillikwida l-istess danni;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri bonarji tat-30 ta' Mejju

1983 u tal-21 ta' Novembru 1984 u ta' l-ittri uffiċjali tas-17 ta' Ġunju 1983, tal-21 ta' Awissu 1984 u ta' dik ippreżentata ma' din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Saviour Borg D'Anastasi fejn eċċepixxa bir-rispett:

Illi l-eċċipjenti ma kellu ebda tort jew ħtija fil-kolliżjoni msemmija *fiċ-ċitazzjoni li ġrat* unikament b'tort u ħtija ta' l-attriċi stess, ninħabba imprudenza, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attriċi, u għalhekk *l-eċċipjenti* m'hux responsabbli għall-istess kolliżjoni u għad-danni pretiżi mill-attriċi ui d-domandi ta' l-attriċi għandhom kwindi jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda *tagħhom*;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-relazzjoni peritali ppreżentata mill-perit legali minnha nnominat;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawża;

Ikkunsidrat illi l-kolliżjoni *li tat lok għal dina* l-kawża ta' danni ġrat fl-10 ta' April 1983 fejn hemm il-"*barracks*" ta' *Saint Andrew's* limiti ta' San Ġiljan. Mill-provi jirriżulta li waqt li l-attriċi kienet *tiela' għat-telgħa* bi *speed* regolamentari u fuq in-naħa tagħha tat-triq sabet f'daqqa waħda quddiemha lill-

konvenut li kien qiegħed isuq karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni J – 0487. L-attriċi kienet issuq vettura bin-numru E – 8150. Min-naħa l-oħra, il-konvenut kellu l-karreġġjata tiegħu ingumbrata *'in parte'* u ħtieġlu jaqla' 'l barra lejn in-nofs tat-trejqa. *Ftit wara li l-konvenut lemaħ il-vettura ta' l-attriċi, applika* l-brejks iżda billi kien hemm iż-żrar u ramel fit-triq ma waqafx tempestivament u ħabat mal-vettura ta' l-attriċi. Kien jinkombi fuq il-konvenut maġġorment li jieħu kull prekawzjoni qabel ikompli jsuq. Barra minn dan, jirriżulta wkoll li huwa m'għarafx jiffrena l-vettura li kellu fil-ħin u mingħajr xkiel. Għalhekk il-ħtija għal li ġara tispetta lilu. Billi l-attriċi xehdet li ma setgħetx tiddistingwi kenitx issuq bil-25 kilometru jew mili fis-siegħa ma jfissirx neċessarjament *li allura l-attriċi hija inesperta jew kellha* xi ħtija. Il-fatti juru li l-mod ta' sewqan tagħha qabel l-inċident kien wieħed regolari u prudenti;

Niġu issa għall-parti dwar il-*"quantum"* tad-danni. Dwar ***damnum emergens*** jidher li kien hemm ħsarat fil-vettura ta' l-attriċi ammontanti għal Lm252.36,0. Ġew esebiti d-debiti riċevuti u ma jidhirx li dwarhom hemm kontestazzjoni. Iżda l-attriċi, li taħdem bħala *nurse* f'ħinijiet diversi anki matul il-lejl u f'għadd ta' djar, talbet ukoll ħlas ta' kiri ta' karozza *'self-drive'* għal perijodu ta' disgħin jum bir-rata ta' Lm3.75,0 *per diem* u ta' dan ġabet ukoll xiehda in konferma. Il-konvenut, permezz ta' l-abili difensur tiegħu, jikkontendi li dan l-ammont kien wieħed esaġerat anzi kapriċċjuż. Ġara li l-*"ispare parts"*, jew parti minnhom ħadu tliet xhur biex jiġu impurtati minn barra. Fosthom kien hemm il-*"bumper"*. Issa skond id-dottrina legali, min jitlob danni għandu jipprova li tali danni mhux biss huma dovuti iżda wkoll li kienu neċessarji u għandu jipprova wkoll li huwa għamel minn kollox biex ma jkabbarhomx. Issa huwa minnu li l-provi juru li l-attriċi tassew kriet karozza għal tliet

xhur u ħallset l-ammont ta' Lm337.50,0 iżda wieħed irid jara jekk kienx hemm il-ħtieġa li tinkera vettura għal dan il-perijodu kollu. Di fatti, il-perit legali rriduċa dana l-ammont billi bbażah fuq żmien 60 jum u niżżlu għal Lm225.00,0;

*Omissis;*

Mela d-danni totali huma dawn:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ħsarat fil-vettura attriċi | Lm252.36,0 |
| 2. | Kiri ta' karozza għal *'loss of use'* | Lm160.75,0 |
| | Total | Lm421.11,0 |

(erba' mija u wieħed u għoxrin lira Maltin u ħdax-il ċenteżmu).

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fl-atti taċ-ċitazzjoni, tillikwida d-danni kaġjonati lill-attriċi għas-somma ta' Lm421.11,0 kif fuq intqal; u tikkundanna lill-konvenut li jħallas dana l-ammont lill-attriċi flimkien ma' l-ispejjeż kollha ġudizzjarji nklużi dawk peritali.